# Patri Pacifico Spagnol O.F.M.

***Carmelo P. Baldacchino***

Patri Pacifico Spagnol kien it-tieni tifel tal-familja. Qablu kellhom ieħor jismu Grezzju. Patri Pacifico Spagnol twieled iż-Żejtun minn Vincenzo u Marija Rosa nee` Tabone, fis-27 ta' Lulju 1843 u ġie mgħammed fl-istess jum bl-isem ta' Camillo, mill-kappillan tal-parroċċa Dun Paul Ellul J.U.D.

Dan l-isem fir-razza Ta' Ċanċa li huwa antik ħafna, din id-darba miss lilu li jirtu. Dan l-isem għadu jintiret sal-lum minn ġenerazzjoni għall-oħra. Din il-familja fqira ħafna kienet taħdem ix-xogħol tar-raba', imma Camillo qatt ma wera nteress f'dan ix-xogħol.

Sa minn ċkunitu trabba taħt il-kura ta' Mons. Publio Maria Dei Conti Sant. Ta' kull filgħodu kien imur il-parroċċa kmieni biex jgħin xi quddiesa li kien tgħallem, u xi daqqa t'id lis-sagristan kien jagħti wkoll.

Meta tfarfar mhux ħażin wera x-xewqa lill-kappillan tar-raħal Dun Paul Ellul li jixtieq jidħol patri. Il-kappillan tant ħa gost b'din l-aħbar taċ-ċkejken Camillo, li kien jafu mill-qrib, li bagħat għall-ġenituri tiegħu fejn qallhom x'kienet ix-xewqa ta' binhom Camillo. Il-ġenituri tiegħu nħasdu b'din l-aħbar, u qalulu li kieku jixtiequ li t-tifel tagħhom isir saċerdot, imma flus ma kellhomx u kienu fqar biex jgħallmuh. Il-kappillan li kien jaf sewwa bil-faqar ta' din il-familja, ma ħabbel rasu xejn fuq dan u kellem lill-kustodju tal-Patrijiet Franġiskani ta' Ġieżu, li kien ilhom ħbieb żmien twil, u dan tal-aħħar aċċetta lil Camillo biex jidħol novizz magħhom. Għaldaqstant fil-25 ta' Settembru 1858, meta Camillo kien għad għandu 15-il sena, mimli bil-ferħ li xi darba xewqtu ser tinqata', mexa l-ewwel pass li Alla sejjaħlu għalih meta ġie mlibbes biċ-ċoqqa ta' San Franġisk għall-ewwel darba fil-kunvent ta' Ġieżu tal-Belt mill-Wisq Rev. Patri Filippo Moore O.F.M., Lettur Jubilat, li dak iż-żmien kien Kustodju Provinċjal u Mastru tan-Novizzi. L-isem Camillo ġie mibdul għal Fra Pacifico, li bih baqa' magħruf għall-kumplament ta' ħajtu.



Preċiżament sena wara, fil-25 ta' Settembru 1859, l-istess Patri Moore, laqa' l-professjoni sempliċi ta' Fra Pacifico, li issa temm is-sena tan-novizzjat u beda l-istudji għas-saċerdozju fil-kunvent ta' Ġieżu tal-Belt Valletta. Tliet snin wara jiġifieri fid-29 ta' Settembru 1862 Fra Pacifico Spagnol reġa niżel għarkupptejh quddiem Patri Moore, li issa kien Gwardjan ta' dak il-kunvent, biex solennament iwieġeb it-tliet voti reliġjużi.

L-istudji ssoktaw, Fra Pacifico li beda jitgħallem it-Teoloġija, tant wera nteress kbir f'dan l-istudju li

*(ikompli f'paġna 52)*

*(ikompli minn paġna 51)*

fl-eżamijiet dejjem kien jiġi minn ta' quddiem, sakemm fl-aħħar wasal dak il-jum tant mistenni minnu u mill-familjari tiegħu meta fit-8 ta' Diċembru 1866 tela' t-taraġ tal-Artal biex jiġi ordnat Saċerdot, u għall-ewwel darba joffri s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa fost il-ferħ tal-familja, l-qraba w l-bdiewa ħbieb tagħhom, li kollha marru bi ħġarhom fil-Katidral tal-Imdina għal din il-funzjoni solenni li qatt ma kienu raw qabel.

Patri Pacifico Spagnol ma damx wisq jippriedka w jgħaġġeb lil kulħadd bil-priedki sbieħ li kien jagħmel. Il-Kappillan taż-Żejtun ta' spiss kien jistiednu għal xi priedka f'raħal twelidu, li tant baqa' jħobb. Huwa kien jaċċetta bil-ferħa li jmur jippriedka ż-Żejtun u kien jaħtaf l-okkażjoni biex jara lill-ġenituri tiegħu. Ma kienx jonqos li jfittex xi żgħażagħ biex jidħlu novizzi magħhom. Bil-permess tas-superjuri tiegħu meta kien ikollu xi priedka qrib pajjiżu kien imur minn filgħoldu biex ikun jista' jagħti daqqa t'id lill-ġenituri tiegħu.

Imma aktar ma beda jgħaddi ż-żmien Patri Pacifico aktar beda jitgħabba bir-responsabbilta`, għax ma damx wisq ma ġie maħtur Gwardjan fil-Kunvent ta' Ġieżu tar-Rabat, fejn dam għal sitt snin 1881-1887. Ftit snin wara ġie mlaħħaq Diskriet Kustodjali ta' l-Ordni tiegħu w dam f'din il-kariga għal tlett snin 1890-1893. Il-Provinċjal tiegħu kompla għabbih bir-responsabbilta` meta ħatru Mastru tan-Novizzi, fejn kellu qrib l-għaxart iżwieten milli kien ġab huwa stess fil-Kunvent.

Meta Patri Angelo Portelli O.P. Dumnikan, li wara sar Isqof ta' Solimonte u Vigarju Ġenerali ta' Malta, żar il-kunvent ta' Ġieżu fir-Rabat u dar dawra man-Novizzi u beda jistaqsihom minn fejn kienu, sab li ħafna minnhom kienu Żwieten, u qal lil Patri Pacifico, "inħossni ngħir għalikom li għandkom dawn iż-Żwieten kollha magħkom, u fil-Kommunita` tiegħi ma hemm l-ebda Żejtuni; ilu ma jkollna xi wieħed minn dan ir-raħal. Meta kellna Patrijiet Żwieten, dawn għamlu unur kbir lill-Kommunita` u lil Malta." Patri Portelli bla dubju kien qiegħed jirreferi għall-Isqof Antonino Żahra w għal Patri Mikielangelo Żammit li t-tnejn kienu Dumnikani Żwieten.

Is-siegħa ta' l-aħħar tasal fuq kulħadd. Jingħad li Patri Pacifico kien qiegħed jiftaħ il-bieb tal-Knisja u waqgħet l-istanga tal-ħadid fuq rasu, fejn ħa daqqa sewwa, tant li baqa' sejjer lura sakemm fil-20 ta' Frar 1899 ħalla dan il-wied ta' dmugħ fl-għomor ta' 56 sena. Dak iż-żmien Patri Pacifico kien fil-kunvent ta' Ġieżu tar-Rabat, għalhekk ġie midfun fil-Kannierja ta' l-istess kunvent, fejn kien qatta' l-biċċa l-kbira ta' ħajtu.

Jekk illum tmur tqalleb il-ktieb tan-Nekroloġju fil-Kunvent ta' Ġieżu tar-Rabat issib dan il-kliem dwar Patri Pacifico Spagnol "kien Reliġjuż twajjeb ħafna, Predikatur magħruf, ubbidjenti, minbarra s-siegħat twal li għadda fil-Konfessinarju."

Ħajr lill-Patrijiet ta' Ġieżu u xi pajżana Żwieten għat-tagħrif li tawni dwar dan il-Patri Żejtuni biex ikompli jiġi mfakkar.

**Nies li għamlu ġieħ lilhom infushom u lil Raħal twelidhom.**

**J'Alla jkollna aktar u aktar bħalhom.**